Minuti tas-seduta numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2025, fis-6.00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Uffiċjali: | Is-Sur Paul Bugeja | Accountant |

Il-laqgħa damet ma bdiet għaliex ma kienx hawn quorum

12.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Presedenza u ittri ta' apoloġiji.

Ma kienx hemm. Is-SE qal li irċieva sms mingħand is-Sur Terrence Sant biex ikun assenti filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus li ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba, qal li infurmah is-Sur Paul Grech li ma setax jattendi. It-talbiet informali kienu milqugħa u l-kunsillieri kienu skużati. Il-laqgħa bdiet bi *quorum* bl-ewwel ħames kunsillieri li jidhru hawn fuq.

**Mozzjoni ta' bidla fix-xogħol tal-kamra**

Bidla fix-xogħol tal-kamra

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab sabiex ikun hemm bidla fil-ħidma tal-kamra billi punt 12.05 ikun ittrattat bħala l-ewwel wieħed tal-agenda biex ma nżommux lill-Accountant magħna għal xejn sakemm jasal dak l-item. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sur Matthew Chetcuti u għaddiet unanimament.

12.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta preċedenti**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru ħdax kienu mgħoddijin mal-agenda ħamest ijiem qabel il-laqgħa. Dawn kienu ikkunsidrati u mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u kienu approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet.

12.03 **Ċedola tal-Pagamenti 370** Ċedola tal-pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 370 kienet ikkunsidrata u approvata unanimament.

12.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 87** Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u Servizz numru

Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 87 kienet ikkunsidrata u approvata unanimament għajr items 5 (Falzon's Bathroom & Ceramics u item 6 Moda Bagno, item 32 Sean Micallef, item 33 DNP Group, item 52 Tec Ltd, item 53 Audience, item 63 Rod Aluminium & glass works u item 64 BC Ironworks.

12.05 **Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024** AFS 2024

Is-Sur Paul Bugeja spjega fid-dettall l-*Audited Financial Statements 2024* lill-kunsillieri wara li dawn kienu sarulhom diversi aġġustamenti mill-Awdituri. Punti li ssemmew kienu il-fatt tal-*grant* li għadna ma rċevejniex tal-*Interreg Italia Malta* dwar il-pagi tas-SE u s-Sa Roberta Galea li ħadmu fuq l-enkartament tal-GIFLUID, jiġifieri tal-Ġnien ta' San Duminku. L-*accountant* semma' l-*going concern* li se tidher finalment fir-rapport tal-Awditur Ġenerali, liema *concern* lanqas kienet imsemmija is-sena ta' qabel minkejja li l-qagħda finanzjarja kienet agħar minn dik tal-2024, kif ukoll diversi punti oħra imsemmija fil-*management letter* fosthom il-*Fixed Asset Register* u d-deprezzament li jitqies bħala spiża anke fuq assi bħall-Bini Muniċipali minkejja li dan realment japprezza u mhux jiddiprezza.

** **Is-Sur Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fis-6.30pm**

12.06 **Twaqqif ta' Bord - Ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għall-Alto Reliev** Alto Riliev

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li wasal il-mument illi nibdew narredaw il-binja tal-Kunsill Lokali tar-Rabat billi jsiru diversi *Alto Relievi* fis-sala tal-Kunsill t'isfel. Hu sostna li permezz tagħhom xorta ma nkunux qed inċekknu mill-ispazju li fiha u b'hekk jibqgħu isiru esebizzjonijiet kif fil-fatt kien hawn matul il-ġimgħa li għaddiet mit-tfal tal-iskola tal-Primarja. Is-Sur Rudolph Grima qal li hu ma jaqbilx li jsir mafkar doppju peress li diġa' jeżisti mafkar fuq barra dedikat lill-Emanuele Vitale. Dan għaliex l-espressjoni tal-interess li għaliha tefgħuha is-Sur Joseph Scerri (ara ċedola tax-xiri 87 item 66) u s-Sur Jennings Falzon (ara

ċedola tax-xiri 87 item 67) tittratta mafkar ta' Emanuele Vitale. Madankollu kien hemm diskussjoni għaliex dan il-mafkar qiegħed fuq in-naħa t'isfel tar-Rabat u għalhekk mhux daqshekk prominenti; xi ħaġa li ma kienx hemm qbil fuqha. Is-Sur Rudolph Grima qal li hu kien jitlob abbozz u mhux isir ix-xogħol u jkollna nżommu xi ħaġa li ma tkunx għal qalbna. Dwar il-gallerija tal-arti li qed jara li jkollu l-Kunsill, hu qal li qed nitolbu biċċa tal-arti mingħand l-artist li jkun qed jorganizza l-istess wirja biex tibqa' għandna għaliex din 'il quddiem jaf tapprezza u jkollha valur fil-binja tal-Kunsill.

12.07 **Twaqqif ta' Bord - Ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għall-Presepju fil-Pjazza** Milied - Presepju kważi life size

Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal li kienet ideja tiegħu ukoll li jsir presepju kbir (kważi life size) fil-Pjazza tal-Parroċċa. Għal din l-espressjoni ta' interess kien hemm sottomissjoni waħda, dik tas-Sur Jennings Falzon li taqbeż it-treshold tat-tender (ara ċedola tax-xiri 87 item 68). Dwar din in-nefqa sostanzjali ma kienx hemm qbil għaliex ma kien hemm l-ebda' kompetitur. Breakfast with Santa Clause

Kien hemm qbil illi ssir laqgħa nhar it-23 ta' Ġunju 2025 fil-5.30pm dwar dak kollu li se jkun organizzat fil-Milied . Intant fuq xewqa tas-Sa Charmaine Balzan, is-SE se jkun qed jara kemm l-attività tat-*train ride* tar-Rabat kienet tiġi tiswina in vista li applikajna għall-attività tal-Milied Breakfast with Santa Claus.

12.08 **Twaqqif ta' Bord - Ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għal Direttur Artistiku (Rabat Sacrum)** Direttur Atistiku

Is-SE qal illi din is-sena ħriġna espressjoni ta' interess biex dak li kien isir kull sena (direct order għal dan is-servizz) isir b'aktar trasparenza. Infatti applika, is-Sur Mario Camilleri li se jkun qed jieħu ħsieb din l-*event* skont il-parir tal-kumitat Rabat Sacrum 2025 u għaliex din il-persuna għandha l-kwalifiki kollha li tlabna u fuq kollox esperjenza ta' sentejn taħdem din l-attività li din is-sena se ssir nhar l-20 u l-21 ta' Settembru, Rabat Sacrum

Natalis Notabilis

F'dan il-punt is-Sur Rudolph Grima qal illi din is-sena Rabat Sacrum se jkollha t-tema tat-Tieni Gwerra Dinjija u għaldaqstant se jinfetħu xi *shelters* tal-gwerra u se jkun hawn wirja ta' vetturi antiki tal-epoka wkoll fl-inħawi tal-katakombi ta' Sant Agata. Is-Sa Graziella Brincat talbet lis-Sur Rudolph Grima biex idaħħal

stall tal-*Healthy Leaf* li tat lill-Kunsill Lokali tar-Rabat donazzjoni ta' *breakfast bars* fl-attività tar-roti li nżammet f'Mejju 2025.

Intqal ukoll li fil-Milied ikun hawn l-attività *Natalis Notabilis* li din se tkun din is-sena timla' l-kalendarju bejn il-5 u l-14 ta' Diċembru, 2025. Is-Sa Graziella Brincat qalet illi fil-Milied mhux wisq suġġeribbli li jsiru ħarġiet għar-residenti biex imorru xi mkien ieħor, għax inkella ma jibqgħux ir-Rabat fil-perjodu li attrazzjoni bħal din iġġib mijiet ta' viżitaturi.

** **Is-Sur Nazju Cassar daħal għal-laqgħa fis-6.55pm**

12.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Permessi tal-Festa ta' Corpus u San Pawl 2025** Permessi tal-festa

Il-lista tal-permessi tal-kabbani u tal-imwejjed u s-siġġijiet kienet approvata unanimament wara li tnaqqsu żewġ bejjiegħa li kellhom il-permess jostakola l-armar tal-festa ta' San Pawl għaliex kien hemm oġġezzjoni mis-soċi tal-każin Konti Ruġġieru (Sezzjoni Armar Corpus Domini u San Pawl) li talbu li jsir dan f'laqgħa li nżammet fl-uffiċċju mal-Arċipriet, il-Pulizija u l-istess kumitat tal-festa.

12.10 **Talba għal Kumpens wara aċċident fit-triq (Carmel Azzopardi)** Inċident fit-triq

Din it-talba għal kumpens ma tistax tiġi onorata minħabba:

(i) nuqqas ta' provi li l-inċident seħħ hemmhekk fin-nuqqas ta' xhieda tal-Pulizija u/jew ritratti fil-post

(ii) ir-rapport sar l-għada u l-każ meta ġara ma kienx f'xi nofs ta' lejl.

Intant kien deċiż illi temporanjament dawn l-ispralli jiġu wweldjati u ninfurmaw lil Perit David Vassallo (Roads Dept) biex isir xi ħaġa ħalli l-vetturi fix-xita ikunu għaddejjin b'mod aktar sigur minn Vjal il-Ħaddiem. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi kien hemm każijiet oħra ta' ċirkustanzi simili fejn il-Kunsill dejjem żamm ma dan l-iStandard of Procedures.

12.11 **Ftehim ta' manutenzjoni fuq il-Binja tal-Kunsill** Ftehim ta' prevenzjoni

Dan il-ftehim li kien ipprovdut mal-Agenda u l-Minuti. Kien deċiż unanimament illi nidħlu għalih għaliex hu wieħed ta' prevenzjoni tal-assi tal-Kunsill fi 8, Triq l-Isptar, li aħna obbligati li nżommu fi stat tajjeb għaliex hemm is-saħħa tal-ħaddiema tagħna fin-nofs.

12.12 **Ġieħ (Jum ir-Rabat) 2025** Ġieħ ir-Rabat 2025

Kien deċiż unanimament illi Ġieħ ir-Rabat jingħata lil Fr Gerald Micallef għall-ħidma tiegħu fil-qasam missjunarju u wkoll fir-rwol ta' edukatur.

Għarfien ieħor se jingħata lis-Surġenta Daniela Micallef li issa spiċċat minn Pulizija tal-Komunità (mir-Rabat) kif ukoll lis-Sa Dorita Maniscalco fil-qasam edukattiv, lill-Keith tal-Iscouts u lil Feliċ tal-Iscouts tal-Baħrija u lil Head tal-Girl Guides.

Se jingħata ċertifikat lill-Mentor tal-Kunsill tat-Tfal is-Sa Tiziana Busuttil u wkoll lit-tfal kollha tal-istess Kunsill.

12.13 **Co-operation agreement - Librerija Pubblika** Co-operation agreement – librerija pubblika.

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat talab lis-SE jitkellem fuq ir-rilevanza tal-abbozz *co-operation agreement.* Hu qal illi l-Kunsill għandu obbligu li joffri sostenn, viżibilità u għarfien liċ-ċittadin dwar il-faċilitajiet tal-libreriji pubbliċi għaliex propju l-edukazzjoni hija waħda mir-rwoli li għandna nassistu fiha. Kien deċiż li dn jiġi ffirmat ħalli nimmassimizzaw l-użu tal-librerija pubblika f'dawk li huma*loans* ta' kotba.

Intant se niġbru tliet *quotes* għall-istallazzjoni ta' air condition 24000 BTUs għall-istess post.

12.14 **Punti Oħra**

12.14.01 Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq l-attività Minn Pjazza għal Pjazza li se tittella' mil-Kunsill nhar it-12 ta' Lulju, 2025 mis-7:00pm 'il quddiem. Hija qalet illi fil-prinċipju se jibqgħu il-ħames logħbiet proposti u se jkun hemm żieda ta' film bil-Malti u qed naraw x'inhuma l-obbligi tagħna mal-KRS. Dwar din l-attività kien hemm laqgħat mal-Għaqda tal-Armar Corpus Domini u San Pawl biex nassiguraw ruħna li l-festa ta' San Pawl mhux se jkollha impatti negattivi. Se nibgħatu għada fil-għodu ittra lill-għaqdiet biex naraw min hu interessat jaħdem magħna u kien hemm diversi laqgħat *on-line* u anke mad-Direttur Artistiku u l-assistenta tiegħu. Minn Pjazza għal Pjazza

12.14.02 Dwar l-attività tal-Bicycle Ride is-Sa Charmaine Balzan talbet tara il-kont tal-*Malta Red Cross* u s-SE qal li għadna ma rċevejnihx minkejja li din l-attività qabżet it-€800. Se nfakkruhom biex jibgħatuh billi nċemplulhom għada filgħodu. Hija qalet illi l-*posters* tal-promozzjoni ta' din l-attività ġabithom hija kollha mingħajr obbligazzjoni. Red Cross u l-Bicycle Ride

12.14.03 Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-*bust* ta' Joseph Calleja u qal illi dan issa tranġa mil-ħsarat li kellu f'subgħajh, ġewwa Napli mill-artist Joseph Scerri (ara l-ispiża fiċ-Ċedola numru 370 *item* 724). Dan irid isir bil-bronż kif deċiż, għaliex il-ħsara s'issa ssewwiet fil-fibre glass. Bust ta' Joseph Calleja

12.14.04 Għal mistoqsija tas-Sur Rudolph Grima, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus wieġeb illi kellna bil-fors inwaħħlu tabelli biex ma jidħlux bil-kelb fi Ġnien San Duminku minħabba l-ħsara li saret bil-klieb jiġru fil-fjuri u qalgħuhom kollha, flimkien mal-pajpijiet tal-irrigazzjoni. Dan dejjem taħt il-barka tas-sidien tagħhom li jorbtuhom u jmorru bihom xi tliet darbiet kuljum biex ma jħammġulhomx ġewwa. Ġnien San Duminku

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li dan il-ġnien hu lest minn kollox u issa inqala' l-*hoarding*. Kunsillieri irrimarkaw fuq it-trakk li tħalla mil-kuntrattur hemmhekk jieħu spazju ta' diversi parkeġġi bir-reklam imwaħħal miegħu.

12.14.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-ftehim li kien iffirmat biex isir il-pavimentar tal-isqaqien mal-PWD, fosthom Sqaq 1, Triq San Franġisk, l-isqaqien kollha ta' Triq Bir ir-Riebu, l-inħawi ta' Qasgħa (landscaping madwar il-kappella), u numru ta' bankini f' Tal-Virtù anke issa li sibna *Health and Safety Officer* kif talbu l-istess PWD. PWD

12.14.05 Is-Sa Charmaine Balzan talbet biex issir manutenzjoni fuq bank li jiċċaqlaq fl-inħawi tal-Kappella ta' Qasgħa u ieħor biex issirlu manutenzjoni fi Triq Sant Agata. Bank

12.14.06 Is-Sa Graziella Brincat talbet sabiex nintervjenu biex il-bankina fi Vjal il-Ħaddiem quddiem il-*Maypole* tinbarax għaliex tiżloq ħafna u ssir it-tiswija tal-bankina quddiem il-belveder fl-istess triq. Vjal il-Ħaddiem

12.14.07 Is-Sa Graziella Brincat talbet sabiex jittieħdu miżuri per eżempju biex titwaħħal camera f'Għajn Qajjet fejn qed isir sewqan b'veloċità għolja bil-vetturi li jkunu ġejjin mill-Imtarfa għal fejn l-Għajn tan-Nigret. Parkeġġ għal Mutur

12.14.08 Is-Sur Matthew Chetcuti talab biex isir parkeġġ għall-muturi fejn joqgħod hu fi Triq Bir ir-Riebu. Parkeġġ

12.14.09 Dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-*Housing Estate* ta' Għar Barka, is-SE qal li nistgħu inwaħħlu t-tabelli tal-*one-ways*. Is-Sindku qal li minkejja li dawn issa kienu approvati minn *Transport Malta*, xorta irridu navżaw lir-residenti bid-deċiżjoni tagħhom qabel ma nwaħħlu t-tabelli. Dwar Triq Pietru Gristi, intqal li rridu direzzjoni Għar Barka

mingħand Transport Malta dwar jekk it-triq għandiex isir fiha parkeġġ fuq naħa waħda u fil-każ naraw fuq liema naħa se jitpoġġew id-double yellow lines.

12.14.10 Is-Sa Graziella Brincat talbet li ssir irħama li tkissret matul iż-żmien minn mal-ħajt taz-zuntier għal fuq ir-riħ ta' Triq San Pawl. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi din se ssir mal-parti l-oħra tar-restawr taz-zuntier li għad trid issir. Irħam taħt San Pawl taz-Zurzieqa

12.14.11 Is-Sur Norbert Grech talab id-data ta' meta in-nies se jibdew jieħdu ir-ritratt tal-karti tal-identità mil-Kunsill. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li dalwaqt se jagħtuna data peress li kien hemm domanda kbira ferm minn lokalitajiet oħra. ID cards

12.14.12 Is-Sur Norbert Grech talab li jinqata' l-ħaxix ħażin miz-zona rurali. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku qallu li l-aħjar hu li jitkellem mal-kollega kunsillier Paul Grech dwar dan. Ħaxix ħażin

12.14.13 Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq il-faċilitajiet ta' un/loading quddiem Boutique Hotel fi Pjazza San Katald. Hu qal li t-talba li saritilna kienet illi jitwal il-ħin tal-attività tal-un/loading . Un/loading

12.14.14 Is-Sur Norbert Grech talab xtilliera tar-roti fi Pjazza San Katald sabiex inħajru aktar dan il-mezz ta' trasport kif ukoll aktar tabelli tal-ħinijiet u l-ġranet tal-Monti fi Triq Santa Rita biex ma jkunx hemm parkeġġ. Xtilliera u tabelli

12.14.15 Is-Sa Charmaine Balzan talbet aġġornament fuq it-talba tagħha biex tinbidel it-tabella tal-isem ta' Triq Anton Muscat Azzopardi flok Sqaq fi Triq Santa Barbara. Tabella tat-toroq

12.14.16 Is-Sur Norbert Grech ippropona li titwaħħal tabella biex il-klieb ma jħammġux barra fi Triq il-Qastan minħabba r-riħa qawwija ta' ħmieġ tagħhom. Tebella tal-klieb

12.14.17 Issemma' mis-Sur Norbert Grech kif il-kennies ilu ma jmur jiknes fi Triq Cosmana Navarra u wkoll mis-Sa Graziella Brincat kif ilu ma jmur kennies il-promenade fi Vjal il-Ħaddiem. Il-kunsillieri ma qablux ma dawn l-*istatements* għaliex huma stess jaraw lill-kenniesa jikinsu. Knis ta' toroq

12.14.18 Is-Sur Norbert Grech talab *update* dwar il-gradi tal-bibien tal-ġnien tal-Baħrija. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li għadna niġru wara l-PWD biex dawn jagħmluhom huma. Gradi tal-Ġnien

12.14.19 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar it-tindif mil-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Hu qal li dan qed isir bil- Tindif ta' Toroq

mod wisq u issa tlesta it-tindif fi Triq taċ-Ċawla, Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadima parti minn Triq Lawrenti u l-isqaq fi Triq Lawrenti, kif ukoll parti minn Triq il-Merħliet. Hu ppropona li jiġi irranġat il-ħajt tal-franka permezz ta' blokki tal-konkos imdawwrin bis-sejjiegħ fl-istess sit.

12.15 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm u dik li jmiss se ssir nhar id-9 ta' Lulju, 2025 fil-5.30pm

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 9 ta' Lulju 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku